

Brussell, 10 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5059/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0295 (NLE)

VISA 1
COEST 1
JAIEX 1

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	14221/17 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Visa stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi, għar-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu = Adozzjoni

1. Fid-9 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi, għar-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu, kif tinsab fid-dokument 14221/17 VISA 420 COEST 307 JAIEX 102 + ADD 1.
2. Wara l-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Presidenza kkonkludiet li ntlaħaq ftehim biex it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill jiġi ppreżentat lill-COREPER u lill-Kunsill bil-ħsieb li jiġi adottat bħala punt I/A.

3. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jhux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen¹; għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
4. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda sabiex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen²; għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
5. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
6. It-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, u tal-Anness tagħha, li għaddew mill-iskrutinju meħtieġ tal-ġuristi-lingwisti, ingħaqdu f'dokument wieħed, kif jinsab fid-dokument 15721/17 VISA 455 COEST 351 JAIEX 116.
7. Abbażi ta' dan, **il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi, għar-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu, kif tinsab fid-dokument 15721/17, bħala punt 'A' f'laqgħa li jmiss.**

¹ ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

² ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.